21 ta' Frar, 1947

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Paolo Bonavia *versus* Carmelo Grech

## Senserija — Prossenetiku.

*F'materja ta' senserija għandha tinżamm netta d-distinzjoni bejn is-senserija fil-kamp kummerċjali u dik fil-kamp ċivili; għax fil-waqt li l-liġi kummerċjali ssemmi s-sensala pubbliċi, il-liġi ċivili ma titkellimx fuq sensala "ut sic", imma ssemmi indirettament il-kuntratt tas-senserija u direttament id-dritt tas-senserija.*

*F'materja kummerċjali donnu jidher illi l-prossenetiku huwa dovut non ostanti li l-operazzjoni ma tkunx segwiet imħabba f'reċess tal-partijiet, jew ta' xi parti, u huwa dovut mill-parti inadempjenti; mentri fil-kamp ċivili l-prinċipju prevalenti huwa illi meta l-operazzjoni progettata u konkjuża mis-sensal ma sseħħx, dritt għas-senserija ma hemmx; salvo li jista' jkun hemm dritt għall-kumpens li jiġi likwidat mill-Qorti skond iċ-ċirkustanzi tal-każ.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li talab li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, u wara li ppremetta li hu kien ġie nkarigat mill-konvenut bħala sensal bl-akkwist ta' xi raba' li ried jagħmel minn għand il-Konti Sant Cassia, imma, wara li hu avviċina l-partijiet u għamel bosta serviġi u pprestà l-opra tiegħu kif ġie nkarigat, il-konvenut għoġbu jikkonkludi l-operazzjoni bi prezz ta' £7588. 13. 4, fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut, per mezz ta' sensali oħrajn u ħallas lil dawn is-senserija kollha, a diskapitu tiegħu; talab li tiġi likwidata r-rata tas-senserija, jew l-ammont ta' serviġi u prestazzjonijiet dovuti lilu, u konsegwentement jiġi kundannat iħallsu s-somma hekk likwidata. Bl-interessi skond il-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Diċembru 1946, kontra l-konvenut;

*Omissis:*

Tikkunsidra;

Illi l-ewwel nett jingħad li l-liġi ċivili lokali ma titkellimx "ex professo" fuq is-sensali pubbliċi, salv dak li sejjer jingħad aktar tard dwar is-senserija indirettament, "ut sic", u direttament fuq id-dritt tas-senserija. Kienet l-Ordinanza XIII ta'

l-1857, li ġiet sostitwita bl-Att XXX ta' l-1927, qabel il-Kodiċi *Kummerċjali viġenti, li kienet issemmi s-sensali publiċi;* u qabel dik l-Ordinanza, jekk immorru aktar il-bogħod, fil-b'du tad-Dominazz'oni Ingliża l-istess medjaturi publiċi kienu *nsemmijin fil-Proklama tat-18 ta' Ġunju 1814 u fil-Kostituzzjoni* Kummerċjali para. 1; u qabel dana l-perijodu l-aħħar imsemmi, mid-Dritt Muniċipali, Lib. 6, Kap. 10, u mill-Prammatika Manoel Titolu 28, Kap. 13, *fejn kienu jissejħu* "parari proxenetae conciliatores" (ara Compendio di Diritto Commerciale attribwit lil Sir Antonio Micallef, Malta, Tip. Tonna, 1841):

Illi min ma jadempix dak li jridu l-art. 83 u ta' warajh. in kwantu applikabili, tal-Kodiċi Kummerċjali, ma jistax ikun dak l-uffiċjal *publiku li n-neċessitajiet ekonomiko-soċjali* jirrikjedu għat-traffiku, u li mħabba f'hekk ikun smat u fdat b'funzjoni publika li magħha tnissel drittijiet aqwa minn dawk *ta' medjaturi oħra, bla ma hemm bżonn imsemmu, għal* raġunijiet naturalment neċessarji, l-obligazzjonijiet akbar korrelativi fih mitluba;

Illi li l-istess liġi u l-prattika ta' kuljum jirrikonoxxu *li* hemm medjaturi oħra huwa wisq elementari, u ma hemmx bżonn intawlu fuq dan is-suġġett (ara argument mill-art. 91 tal-Kodiċi Kummerċjali) ; imma dawn in-nies li jindaħlu fil-kontrattazzjonijiet ta' kuljum m'humiex sensala publiċi;

Illi l-Kodiċi Ċivili, kif intqal fuq, ma jitkellimx fuq is-sensala "ut sic", iżda jsemmi ndirettament il-kuntratt tas-senserija u direttament id-dritt tas-senserija (ara artikoli 1411 u 1412 tal-Kodiċi Ċivili), kif għandu jiġi regolat fil-bejgħ tal-immobili u mobili;

Illi, għall-unità tal-liġi, ġie mill-ġurisprudenza lokali ritenut *li di fronti* għall-istat tad-dritt privat, kif jinsab "in subjecta materja", huwa suġġeribili li, sabiex jiġi deċiż jekk l-intromissjoni ta' persuna f'negozju ġuridiku hijiex jew le senserija *li tintitolah* għad-dritt tal-medjazzjoni jew għal xi prestazzjoni li tintitolah għal xi kumpens, nirrikorru analoġikament għan-normi kontenuti fid-Dritt, jew aħjar Kodiċi Kummerċjali *tagħna* (ara Vol. XXV. P. I, paġ. 176, Appell 10 ta' Mejju 1922, "Demajo vs. Micallef", u Vol. XXIV,

P. 1, paġ. 244, Appell 12 ta' Diċembru 1919, "Ciantar vs. Demarco");

Illi anzi speċifikatament ġie deċiż (ara Vol. XXII—III—57, Kummerċ 15 ta' Lulju 1913, in re "Sanges vs. Valentino"), li min ma huwiex sensal publiku proprjament ma għandux dritt tas-senserija regolat fuq il-valur tal-ħaġa akkwistata, iżda kumpens moderat skond l-opra li jkun ippresta;

Illi jekk tiġi analizzata l-ġurisprudenza lokali fuq il-materja għandu jiġi osservat ukoll, barra minn dak li ntqal fuq dwar il-kwalità tal-persuna li tkun intromettiet ruħha fin-negozju ġuridiku, kif dina l-Qorti taħseb, illi kellha xi piż u influwenza fuq il-materja in diskussjoni, speċjalment dwar il-perfezzjonijiet tal-kuntratt, id-drittijiet reċiproċi tal-kontraenti wieħed kontra l-ieħor fl-effikaċja tal-kostrizzjoni tagħhom, u l-gwadann tal-medjaturi bħala dritt tas-senserija "ut sic" jew bħala kumpens, l-emenda apportata fl-art. 1277 tal-Kodiċi Ċivili il-lum in vigore bl-Ordinanza XIV tal-1913, art. 2, kif sejra turi aktar tard;

Tikkunsidra;

Illi fil-prinċipju m'hemmx kwistjoni li s-sensal li jonqos fl-iskop preċipwu u prinċipali tiegħu, li huwa dak li jlaqqa' l-kunsensi tal-partijiet interessati wara li jikkonċiljahom dwar il-konvenzjoni proġettata u proposta, u ċjoè jagħmel bilħila tiegħu li jiftehmu dwar dak li klassikament jissejjaħ is-"sostanzjali u aċċidentali tal-kuntratt", huwa ma jkunx ħaqqu dritt tas-senserija. Kif kwalunkwe prinċipju, però, huwa temperat, anki dana mhux eċċettwat minn dak it-temperament. Infatti kien prinċipju temperativ, u fil-ħsieb ta' dina l-Qorti għandu jispjega anki l-lum l-effikaċja tiegħu ekwitativa, illi jekk sensal ikun għamel dmiru u rnexxa, u mbagħad għal xi event imprevist il-partijiet ma jseħħux l-operazzjoni, huwa ħaqqu kumpens biss proporzjonat għall-operat tiegħu (ara Azuni, Dizionario Universale Ragionato della Giurisprudenza Mercantile, voce Sensale, § VIII u XI, Torchi li Flanco Masi, Livorno 1822). Ma hemmx bżonn jingħad illi ma jridx ikun hemm fl-iffrasturnar ta' l-operazzjoni nuqqas ta' l-istess sensal, ingann mill-partijiet għad-dannu tal-medjatur, jew mutament ta' ħsieb arbitrarju tal-kontraenti;

Illi mhux fil-ġurisprulenza antika kollha ġew applikati l-

prinċipji fuq espressi riġidament; lanqas ma huwa ġuridikament ħsieb tajjeb li tissupponi li kellhom hekk jiġu applikati, il-għaliex meta bniedem jikkunsidra li l-ġurisprudenza hija l-applikazzjoni tal-liġi għall-każi partikulari li ilħna fil-kors taż-żmien li dik il-liġi tkun in vigore jiġu sottomessi, il-flessibilità tal-prinċipji—li "per sè" ma għandhomx jiġu fondamentalment maqluba—hija ħaġa li żżomm il-Qrati progredjenti maż-żminijiet u l-progress. *Infatti niċċitaw xi sentenzi* antiki lokali—apparti l-esteri—li żammew ferm li milli jidher fi kwalunwe każ fejn ma kienx hemm konkluzjoni ta' l-operazzjoni b'kuntratt, mhux biss dritt tal-medjazzjoni, imma anki daka tal-kumpens "arbitrio judicis", għandhom jiġu negati lis-sensal (ara Vol. III, paġ. 261, Appell 8 ta' Frar 1865, "Degiorgio vs. Doublet et.", u argument dedott mis-sentenza Vol. IX paġ. 202, Appell 15 ta' Diċembru 1880, "Cavarra vs. Desira"; Vol. XI paġ. 237, Prim'Awla Ċivili, 1 ta' Frar 1887, "Delicata vs. Muscat"). *Però meta għan-nuqqas* talperfezzjonament tal-kuntratt kienu jaħtu l-partijiet kontraenti, lis-sensal ġie allura anki mogħti d-dritt tas-senserija ntier (ara Vol. III paġ. 172, Appell 12 ta' Ottubru 1861, "Dingli et. vs. Cremona et."), jew ġie mogħti lis-sensal biss kumpens meta, għalkemm ikun ħadem u laqqa' lill-partijiet, dawn l-aħħar imsemmija jkunu, weħedhom u in assenza tassensal, ikkonkjudew il-kuntratt fuq il-bażi minnu preparata (ara Appell Prim'Awla Ċivili 2 ta' Novembru 1840, "Zerafa vs. Apap", Volum 1839-43, Deċiżjoni CLXXXVIII); anzi ġie mogħti kumpens "arbitrio judicis" lis-sensal li ħa biss parti fis-sempliċi proġett tal-bejgħ u fil-preżentazzjoni talkampjun u mostri, meta mbagħad il-kuntratt ġie mgħaqqad mill-partijiet interessati nfushom bla ma jkun fil-perfezzjonament assista l-istess sensal (ara deċiżjoni tal-Kummerċ 9 ta' Jannar 1816, "Giusto vs. Janapulo");

Illi, speċjalment fil-kamp tal-bejgħ ta' immobili u drittijiet annessi, f'epoka aktar reċenti għaż-żminijiet tal-lum beda jidħol aktar il-prinċipju, li ma kienx allura fl-epoka ta' qabel paċifikament aċċettat, tal-kumpens "arbitrio judicis" meta l-konvenzjoni tal-partijiet, anki jekk tkun ridotta bilmiktub, ma tiġix stipulata b'kuntratt, in forza tal-prinċipju l-ieħor, allura kważi nflessibili, barra milli għall-każi fuq es-

pressi, li d-dritt tas-senserija jiġi biss radikat bil-kuntratt publiku; u barra minn dan ġie wkoll deċiż li r-rata tal-kumpens ma tkunx dik fissata mil-liġi ċivili fil-bejgħ ta' l-immobili (ara Vol. XII pag. 63, Prim'Awla 19 ta' Novembru 1888, "Cesareo et. vs. Cardona et.", fejn l-Ewwel Qorti ddeċediet li hemm lok għad-dritt tas-senserija non ostanti li l-partijiet interessati ma kienux stipulaw il-kuntratt publiku non ostanti li kienu għamlu l-konvenzjoni bil-miktub ta' "promessa vendita", sentenza li ġiet riformata mill-Qorti ta' l-Appell, Vol. XII, pag. 125, fl-4 ta' Frar 1889, fis-sens illi l-"promessa vendita" mhix bejgħ qabel il-kuntratt publiku, u kwindi ma hemmx dritt tas-senserija bla att tal-bejgħ, u lill-medjatur ġie mogħti biss kumpens "arbitrio boni viri"; Vol. XIV, pag. 271, Prim'Awla Ċivili 8 ta' Mejju 1894 "Pace vs. Cassar ed."; Vol. XIX-II-126, Prim'Awla 19 ta' Mejju 1906, "Cilia La Corte vs. Spiteri"; Vol. XXI-I-251, Prim'Awla Ċivili 31 ta' Ottubru 1910, "Buhagiar vs. Colombo"; Vol. XVIII-II-139, Prim'Awla Ċivili 8 ta' Marzu 1902, "Cordina vs. Bonnici"; Vol. XVI-I-115, Appell 16 ta' Novembru 1898, "Schembri Bugeja vs. Darmanin"). Anzi ġie deċiż, u dana jmri kemm id-dritt stabbilit kif intqal fuq daħal fil-Qorti Tagħna, illi jekk il-partijiet ibiddlu l-oriġinarja konvenzjoni mlaqqa' u konkjuża mill-medjatur, dan l-aħħar imsemmi għandu wkoll dritt għal kumpens proporzjonat għall-prestazzjonijiet tiegħu, non ostanti li l-oriġinarja konvenzjoni ma tkunx baqgħet isseħħ; u dana s'intendi meta l-konvenzjoni li tbiddel l-oriġinarja konvenzjoni tkun b'xi mod serviet sabiex il-partijiet fl-ewwel okkażjoni tlaqqgħu (ara Vol. XVIII-II-261 Prim'Awla Ċivili, 27 ta' Marzu 1903, "Cremona vs. Debono et."); kif ukoll illi fil-każ li l-konvenzjoni li s-sensal ikun wassal għaliha lill-partijiet tibqa' bla effett, huwa jkun ħaqqu biss dritt ta' kumpens, anki jekk ikun ġie lilu mwiegħed u jkun ġie effettivament bejn il-partijiet likwidat dritt ta' senserija, u mhux fil-każ biss meta jkun dak id-dritt dovut mill-liġi (ara Vol. XVII-II-19, Prim'Awla 1 ta' Frar 1899, "Curmi vs. Saccone");

Illi parti oħra tal-ġurisprudenza lokali "in subjecta materia" tirrigwarda d-dritt "de quo dicimus" fil-konfront tar-relazzjoni tal-medjatur mal-partijiet jew parti inadempjenti,

fi ftit kliem tal-parti li tkun naqset milli tadempixxi l-effettwazzjoni ta' l-operazzjoni. F'dan il-kamp ma jistax ma jkunx hemm *demarkazzjoni bejn l-operazzjonijiet kummerċjali* u dawk ta' natura merament ċivili, u dwar dawn l-aħħar inisemmija dawk illi jaqgħu taħt is-setgħa għall-validità tagħhom, ta' l-art. 1277 tal-Kodiċi Ċivili;

*Illi f'materja kummerċjali donnu jidher li l-"proxeneticum"* huwa dovut non ostanti li l-operazzjoni ma tkunx segwiet imħabba f'reċess tal-partijiet jew xi parti, u *huwa dovut mill-parti inadempjenti* (ara Vol. XX-III-103, Kummerċ 2 ta' Marzu 1909, "Vella vs. Huber ne."; Vol. XXII-II-305, Appell 14 ta' April 1913, "Diacono vs. Coleiro ne."). Dana huwa konċiljabili mal-prinċipju illi l-medjatur ikun għamel dak li kien dmiru skond il-liġi anki għall-forma biex ilaqqa' l-partijiet, u l-fatt ta' inadempjenza "ex post" dana l-ftehim, jekk mhux attribwibili għalih, ma jippreġudikax lilu, li *jkun bil-ftehim saħħaħ id-dritt* tiegħu;

Illi fil-kamp ċivili però, għalkemm il-prinċipji fondamentali huma dawk tad-dritt kummerċjali, hemm evenjenzi oħra li jitnisslu minn dak l-istess dritt privat għall-forma tal-perfezzjonament rikjesta "ad substantiam". Huwa minnu li 'l-hawn u 'l-hemm tinsab xi vuċi dissenzjenti (ara Vol. III paġ. 172, Appell 12 ta' Ottubru 1864, "Dingli et. vs. Cremona et." *Vol. XVII-I-112, Appell 20 ta' April 1900, "Gaiea Montebello vs. Schembri"*), fis-sens illi d-dritt tal-medjazzjoni huwa *dovut mal-konklużjoni ta' l-operazzjoni u ma jiġix nieqes* fil-każ li l-partijiet jirreċedu mill-konvenzjoni, jew xi waħda minnhom ma tkunx trid *tadempiha; imma dik il-ġurisprudenza*, skond id-diversi każi *riżoluti*, jew ma ħadetx in konsiderazzjoni l-fatt li s-senserija tista' biss titwieled mal-kuntratt publiku fil-każi ta' kompra vendita *ta'* l-istabili, jew l-għaliex allura dwar il-lokazzjonijiet 'il fuq minn sentejn ma kienetx neċessarja l-iskrittura "ad validitatem et substantiam", *billi* l-Ord. XIV ta' l-1913 ġiet assentita fid-29 ta' Awissu 1913. Dwar il-lokazzjonijiet anqas minn sentejn ma jidherx li qatt qamet kwistjoni ta' senserija, u l-kwistjoni għadha miftuħa u riżervata għal xi każ li għad irid jitressaq quddiem dawn il-*Qrati, jekk ma tinsabx soluzzjoni fuq il-prinċipji msemmija* mill-istess partijiet dissenzjenti. B'dana kollu, anki allura ġie

deċiż illi jekk wara l-konklużjoni tal-konvenzjoni tal-bejgħ ta' immobili ma ssegwix il-vendita "per atti" tan-nutar, il-medjatur ikollu biss kumpens ratizzabili bħal każ tal-bejgħ ta' mobili (Vol. IX pag. 145, PrimAwla 11 ta' Mejju 1880, "Calleja vs. Cauchi"), u dana in forza tal-prinċipju li ma hemmx bejgħ bla kuntratt, li anki allura kien sostnut;

Jingħad fl-aħħarnett illi anki fl-ipotesi li qegħdin ngħidu, il-ġurisprudenza l-aktar reċenti tippropendi, fuq l-iskorta ta' xi ġudikati antiki fil-każ ta' nuqqas ta' perfezzjonament bil-kuntratt non ostanti l-konvenzjoni bil-miktub, mhux għad-dritt tas-senserija, iżda għad-dritt tal-kumpens in forza tal-mandat jew lokazzjoni d'opera (ara Vol. XXIII-I-581, Appell Ċivili Inferjuri 21 ta' Novembru 1917, "Grech vs. Pace"; Vol. XXVIII-I-929, Appell Ċivili Inferjuri 28 ta' Mejju 1932, "Farrugia vs. Chircop et."; Vol. XVII-II-19, Prim'Awla Ċivili 1 ta' Frar 1899, "Curmi vs. Saccone"; u Vol. XXV-I-176, Appell 10 ta' Mejju 1922, "Demajo vs. Micallef"); u dan mingħajr ma ngħidu li fost il-ġurisprudenza reċenti jinsabu ġudikati li fin-nuqqas ta' konvenzjoni bil-miktub fejn rikjesta mhux biss ma jagħtux dritt tas-senserija, imma lanqas kumpens (ara Vol. XXV-II—598, Prim'Awla Ċivili 31 ta' Ottubru 1924; u Vol. XXVII-II-321, Prim'Awla Ċivili 28 ta' Novembru 1930, "Muscat vs. Gatt");

Illi dwar operazzjoni li jkunu ndaħlu għaliha aktar minn sensal wieħed, fil-kamp kummerċjali l-każ huwa maħsub fl-artikolu 98 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u billi d-dispożizzjoni hija ċara ma għandniex noħorġu mit-termini tagħha; jekk għandna nimxu fil-kamp ċivili, b'analoġija għad-dispożizzjonijiet kummerċjali, fejn u in kwantu applikabili f'dina l-materja, dina l-Qorti taħseb illi anki allura għandna nibqgħu bejn wieħed u ieħor fl-istess termini. Fil-ġurisprudenza jinsab każ bażat fuq l-ipotesi di fatto in diskussjoni, u dana l-każ, apparti l-fattispeċje partikulari tiegħu, jidher mis-sentenza li tinsab fil-Volum XXVIII-I-901, Appell Ċivili Inferjuri 2 ta' Frar 1931, in re "Chircop vs. Pullicino", fejn ġie dikjarat li l-medjatur, fost diversi medjaturi li pparteċipaw fl-istess negozju ġuridiku, li jkun ipprepara u laqqa' l-kuntratt, għandu d-dritt tas-senserija; imma jekk dan il-medjatur li jkun irnexxa jkun ġie jaf bix-xogħol in kwistjoni minn medjatur ieħor li jkun

qabIu qiegħed jipprova jlaqqa' n-negozju, imma bla rijuxxita, dak il-medjatur li jkun irnexxa jlaqqa' l-operazzjoni jrid jikkompensa lis-sensal li ma jkunx irnexxa imma li jkun infurmah biha. Kif jidher minn dina s-sentenza, lill-medjatur li ma rnexxiex, għalkemm kien l-ewwel li *ntrapprenda x-xogħol, ma ġiex mogħti nofs is-senserija, il-għaliex il-Qorti* qaLet li l-kwistjoni bejn iż-żewġ sensala ma setgħetx tiġi likwidata fuq ir-rapport tal-medjazzjoni, iżda biss kumpens, naturalment fuq il-bażi ekwitativa li kien huwa li nforma s-sensal li rnexxa *bin-negozju ġuridiku in kwistjoni*, u kwindi kien il-każ li jippartecipa mill-gwadann konsegwit mill-medjatur li għaqqad l-operazzjoni;

Tikkunsidra;

Illi minn dana kollu li ntqal in konklużjoni jingħad — fil-ħsieb *ta' dina l-Qorti* — illi d-*distinzjoni bejn* is-senserija fil-kamp kummerċjali u dik fil-kamp ċivili għandha tinżamm netta, l-għaliex għalkemm id-*dispożizzjonijiet* tal-Kodiċi Kummerċjali, fejn u *in* kwantu huma applikabii, jistgħu analoġikament jgħinu għas-soluzzjoni tal-kwistjonijiet li jsorġu "in subjecta *materia*", fil-kamp ċivili ma jistgħux jiġu konformement u dejjem applikati. minħabba fil-qagħda diversa taż-żewġ liġijiet;

Illi fil-kamp *ċivili* l-prinċipju illi s-sensal jew medjatur irid jikkonċilja l-partijiet dwar is-sostanzjali u l-aċċidentali ta' l-*operazzjoni jew negozju ġuridiku li jkun* intrapprenda, *b'mod li l-istess ikun in segwitu perfezzjonat kif trid il-liġi* mill-kontraenti dwar il-forma li *hija tirrikjedi* sabiex jingħad li jkun perfett biex jitwieled id-dritt tas-senserija, huwa sovran;

*Illi jekk ma jkunx* mill-kontraenti x-xogħol tas-sensal koronat bil-kuntratt, jew skrittura skond il-każ, li jirrendi l-*operazzjoni perfetta* skond il-liġi, meta dak il-kuntratt jew skrittura huma "ad validitatem et substantiam" rikjesti, ix-xogħol tas-sensal, fin-nuqqas ta' *tort tiegħu*, għandu dritt għal kumpens "officio judicis" in bażi għall-mandat jew lokazzjoni *d'opera*;

Illi l-kumpens mhux regolat ħlief mill-importanza taxxogħol u kwalità u kwantità tas-serviġi adoperati;

*Illi fin-nuqqas ta' konċiljazzjoni tal-partijiet ma jeżistix*

dritt ta' senserija, u jekk m'hemmx konvenzjoni espressa jew taċita dwar ix-xogħol intrapriż lanqas hemm dritt ta' kumpens;

Tikkunsidra;

Illi, applikati dawna l-prinċipji għall-każ in diżamina, jingħad li kien l-istess Konti Sant Casia li qal lill-attur, meta avviċinah fuq il-bejgħ in kwistjoni, li qabel xejn ried jagħti l-ewwel "chance" lill-gabillotti, fosthom il-konvenut, li kienu qegħdin jaħdmu l-art li huwa kien bl-intenzjoni li jbiegħ. L-attur mar għand il-konvenut u ħadu San Pawl il-Baħar, għand il-Konti, iżda x-xogħol ma seħħx, tant għall-prezz kemm għall-estensjoni ta' l-art. Kien hemm tentativi oħra mill-parti ta' l-attur, iżda l-istess kienu kollha ineffikaċi. Wara dawn it-tentativi l-attur u l-konvenut inqatgħu minn xulxin; anki l-konvenut jgħid li ried ftit wara l-ewwel tentativi jgħid lill-attur ikellem lill-Konti fuq din l-affari sabiex jerġa' *jittantah ħalli jixtri, iżda l-attur irrifjuta li jmur.* Fil-frattemp intrigaw mix-xogħol sensala oħra li ma' l-attur ma kellhom ebda relazzjoni, u li ma jirriżultax li ġew jafu bil-proposta operazzjoni mill-istess attur. Wara xi sitt xhur il-konvenut per mezz ta' sensala oħra xtara sebgħa tomniet bil-£105 t-tomna u l-kumplament sa disgħa u sittin tomna u tliet kejliet bil-£110 kull tomna. Fl-ewwel okkażjoni, meta kien *indaħħal l-attur, il-konvenut kien ried jixtri n-nofs ta' dak li* xtara, u offra l-aktar £95 it-tomna wara xi tiġbid, li sar f'okkażjoni waħda;

Illi minn dawna l-fattijiet ma jidherx li kien hemm xi "promessa vendita" aċċettata ridotta fil-miktub, u li mbagħad ma ġietx perfezzjonata indipendentement mill-medjatur minn xi waħda jew l-oħra mill partijiet kontraenti; lanqas *li kien hemm konvenzjoni tal-bejgħ li* ma saretx, dipendenti minn xi kondizzjoni li ma ġietx effettwata u saret ineffikaċi—ipoteżijiet li, fin-nuqqas ta' dritt ta' senserija, kienu forsi jistgħu jiġġustifikaw xi dritt ta' kumpens fl-attur. Finnuqqas ta' akkordju żgur li ma jistax ikun hemm dritt ta' senserija, u la mhemmx provi ta' xi konvenzjoni espressa, jew provi li jiġġustifikaw konvenzjoni taċita għal ftit xogħol li l-attur qal li għamel, mhux ta' min, skond il-liġi, jagħtih kumpens; anzi mill-provi, se maj, jekk għandu jiġi emmnut il-

konvenut, li qal li meta ried jikkmanda lill-attur biex jerġa' jmur għand il-Konti dana rrifjuta li jmur, għandna r-reċess ta' l-attur mix-xogħol li kien intrapprenda u ma ssuċċediex fih; u f'dina l-ipotesi aktar u aktar mhemmx lok ta' kumpens;

Illi lanqas ma jirrikorri l-każ analogu ta' l-artikolu 98 tal-Kodiċi Kummerċjali, il-għaliex l-ewwelnett ix-xogħol li seħħ bit-tieni medjaturi ġie msaħħaħ taħt kondizzjonijiet diversi minn dawk li kien qiegħed jikkuntratta l-attur, u t-tieninett, anki kieku kien applikabili dak l-artikolu, in-nofs tassenserija ġà mħallsa trid tintalab fil-kontestazzjoni tat-tieni medjaturi li seħħu x-xogħol u tħallsu;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż.